MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 669/2001/1

**Paul u Josephine konjugi Zammit**

**Vs**

**Joseph Coleiro u martu Anna Maria Coleiro**
**ghal kull interess illi jista jkollha**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kkundannati li jhallsu lill-istess atturi s-somma ta' Lm2,500 (elfejn u hames mitt lira Maltin) rappresentanti ammont bilancjali lilhom dovut ghal diversi oggetti mobbli li kienu jinsabu fil-fond Silvester Take Away, liema oggetti mobbli gew lilhom mibjugha u kkonsenjati u dan skond il-kondizzjonijiet ta' skrittura privata tal-11 ta' April 1995.

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' Marzu 2001, tal-ittra ufficjali tas-27 ta' April 2001 u bl-

imghax legali mil-31 ta’ Awissu 1998 data ta’ meta kellu jsir l-ahhar pagament, skond skrittura, sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 8 tal-atti) u li biha eccipiet bir-rispett:-

1. Fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ai termini ta’ l-artikoli 2148(b) u 2156(f) tal-Kodici Civili

2. Illi l-eccepjenti Anna Maria Coleiro mhijiex legittima kontradittur f’din il-procedura, billi hija ma kellha ebda sehem fin-negozju bejn zewgha u l-atturi; inoltre qatt ma giet interpellata ghal xi hlas.

3. Illi f’kull kaz u bla pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fil-ligi billi l-eccepjenti Joseph Coleiro kien ihallas il-prezz shih tal-oggetti mibjugha lilu.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher a fol 42 sa fol 46 tal-atti, l-ewwel eccezzjoni sottomessa mill-konvenuti kienet giet deciza billi giet michuda ghar-ragunijiet hemm premessi.

Ikkunsidrat

Illi in rigward it-tieni eccezzjoni dwar jekk mart il-konvenut ghandhiex tigi kunsidrata bhala legittima kontraduttrici f’dawn il-proceduri u dwar jekk gietx interpellata ghal xi hlas; mill-provi prodotti ma jirrizultax li gie pruvat, b’xi mod, illi bejn il-konjugi konvenuti ma tissusistix il-komunjoni tal-akkwisti (ara f’dan ir-rigward l-artikolu 1316 tal-Kodici Civili). In oltre, kif jidher mill-artikolu 1322 (3) (g) tal-Kodici Civil, akkwist ta’ proprjeta’ mobbli li l-prezz tieghu ma jithallasx mal-konsenja jew qabel bhal fil-kaz

indesamina ghandu jigi kkunsidrat bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja u b'hekk l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek imiss liz-zewg konjugi flimkien. Konsegwentament mart il-konvenut ghandha tkun ikkunsidrata bhala legittima kontraduttrici fl-istess kaz.

Illi, in rigward l-istess eccezzjoni hu minnu illi l-konvenuta ma jidhirx li giet interpellata sabiex thallas l-ammont pretiz (ara fol 18 tal-istess atti). Pero', ma jidhirx li gie ritenut mill-Qrati taghna illi tali interpellazzjoni hi mehtiega f'kazijiet bhala danni in desamina.

Ikkunsidrat

Illi dan peress in rigward il-meritu, abbinat mat-tielet eccezzjoni, jigi rilevat illi minhabba in-natura ta' din l-eccezzjoni kif proposta, kien jinkombi fuq il-konvenuti illi jippruvaw l-allegat hlas tal-ammont pretiz fl-avviz.

Illi, dwar dan, l-attur (fol 13 u fol 21 et seq ibid) xehed illi permezz ta' skrittura privata li saret fil-11 ta' April 1995 u li hi esebita a fol 16 u fol 17 ibid, l-istess attur kien biegh lill-konvenut diversi oggetti mobbli bil-prezz ta' Lm4,000, liema oggetti kienu jinsabu fl-istabbiliment kummercjali msemmi fl-istess ftehim. Dwar il-hlas tal-istess prezz, l-ammont ta' Lm600 kien thallas mal-firma tal-istess ftehim waqt li l-bilanc ammontanti ghal Lm3,400 kellu jithallas minghajr imghax kull sitt (6) xhur b'rati ta' mhux inqas minn Lm500, bl-ewwel hlas dovut fil-31 ta' Awissu 1995. Fil-fatt fit-30 ta' Lulju 1996,il-konvenut kien hallas biss Lm300. Sussegwentament kienet thallset somma ulterjuri ta' Lm300 u dan fis-7 ta' Ottubru 1996 kif ukoll Lm300 ohra matul l-istess gimgha. Dan kien l-ahhar pagament u b'hekk kien fadal builanc dovut skond kif specifikat fl-avviz (ara in-nota a fol 33 ibid u d-dokument esebit maghha dwar dan il-pagament).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 28 u fol 36 et seq ibid) isostni illi l-ammont mitlub fl-avviz ma hux dovut "…….. ghax diga thallas". Dwar dan il-konvenut jghid illi l-istess ammont "…… kien qed jithallas u kellu jithallas bir-rata mensili ta' Lm50" u spjega illi l-attur kien inkariga "certu Jose' Buttigieg" bhala "prokuratur" tieghu sabiex jircievi u jigbor il-pagamenti u hu kien ta' lil din il-persuna erbghin (40) 'post-dated cheques' b'import ta' Lm50 –il wiehed, wara li bejn l-istess konvenut u l-imsemmi Jose' Buttigieg, kien sar il-ftehim bil-miktub esebit a fol 31 ibid. Dwar l-ammont ulterjuri ta' Lm500, l-istess konvenut stqarr "…… biex nkun onest nghid li ma niftakarx jekk hallastux". In konnessjoni ma' dan illi ghadu kemm xehed, il-konvenut esebixxa ittra datata t-3 ta' Settembru 1999, mibughta lilu mill-Avukat precedenti tal-attur u permezz taghha l-istess konvenut kien gie informat illi l-attur "….. rega' qabbad lil Jose' Buttigieg jigbor il-flus illi huma dovuti minnek ……". L-istess konvenut esebixxa ittra ohra precedenti ghal dik li ghadha kemm issemiet (ara fol 33 ibid) u li permezz taghha kien gie interpellat sabiex "…. tikkancella dawk ic-'cheques' (moghtija lil Jose' Buttigieg) …… u thallas direttament lill-attur". Jigi notat illi f'din l-ahhar ittra jinghad eronejament, fil-fehma tal-Qorti illi l-ammont li ghadu dovut mill-konvenut jammonta ghal Lm2,000 kif ukoll l-ammont iehor ulterjuri li, pero' ma giex mitlub fl-avviz in esami. L-istess konvenut, kif jidher a fol 38 tal-atti, esebixxa kopji ta' 'cheques' b'kollox sittax (16), liema 'cheques' kienu fost dawk moghtija lill-istess Jose' Buttigieg. L-istess 'cheques' esebiti jidher li effetivament kienu gew imsarrfin mill-istess "prokuratur" tal-atturi u dawn kellhom import ta' Lm800.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti, jidher li il-konvenut, sakemm tqajjmet il-kwistjoni tac-'cheques' in kwistjoni kien thallas, b'kollox, is-somma ta' Lm1,500. Sussegwentament, pero' jidher li l-attur kien inkariga lill-imsemmi Jose' Buttigieg sabiex jigbor is-somma in kwistjoni. L-ghoti ta' dan l-inkarigu jidher evidenti mill-ittra hawn fuq imsemmija u li ggib id-data tat-3 ta' Settembru 1999 bl-uzu tal-kliem "…… rega' qabbad lil Jose' Buttigieg……".

Illi, hawnhekk, pero' inqalghet kwistjoni dwar ic-'cheques' li kienu 'post dated' u li ssarfu minn Jose' Buttigieg b'import totali ta' Lm800. Di fatti jidher li dan il-"prokuratur", wara li sarraf dawn is-sittax (16) –il 'cheque' ma ghaddiex l-istess ammont lill-attur. Hawnhekk ta' minn isemmi "obiter" li l-istess Buttigieg li kellu certa notorjeta' bhala 'debt collector' kien miet. Ghalhekk cioe nonostante, din il-Qorti trid tara jekk dawn il-pagamenti ammontanti ghal Lm800 ghandux jigi kunsiderat bhala wiehed li sar lill-attur, avolja jidher li kif digja inghad, illi dan ma irceviex l-istess somma minghand l-imsemmi "prokuratur". Dwar dan il-ount, trid issir referenza ghall-artikolu 1152(1) tal-Kodici Civili fejn jinghad "Il-hlas ghandu jsir lill-kreditur jew lill-persuna li jkollha minghandu …… is-setgha li tircievi l-hlas". Ghalhekk jidher li l-hlas li sar lill-"prokuratur" inkarigat mill-atturi permezz ta' 'cheques' li fil-fatt issarfu mill-istess prokuratur, ghandu jigi kkunsiderat bhala hlas skond il-ligi bhal li kieku dan sar direttament lill-atturi. Konsegwentament, l-ammont in kwistjoni ghandu jitnaqqas mill-ammont pretiz fl-avviz.

Ikkunsidrat

Illi, in riassunt, u in rigward il-prezz originali skond l-iskrittura esebita in atti a fol 16, jidher li mill-provi prodotti, il-konvenuti hallsu komplesivament Lm2,300, ghar-ragunijiet kif hawn fuq spjegati u b'hekk fadal bilanc dovut ta' Lm1,700.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' "in parte" it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' Lm1,700 bl-imghax legali mill-31 ta' Awissu 1998, kif hemm indikat fl-avviz sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatarja tal-1 ta' Marzu 2001 u ta' dik ufficjali tas-27 ta' April 2001, dawn ghandhom jithallsu terz (⅓) mill-atturi u zewg terzi (⅔) mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------